**20 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

George Pace

*versus*

Gaetano Pace

**Fidejussjoni — Rilevanza — Art. 2052 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-garanti, anki qabel ma jkun ħallas, jista' jaġixxi kontra d-debitur biex jiġi rilevat u biex jottjeni l-liberazzjoni tal-kawteli li jkun ta biex j'ggarantixxi s-sodisfazzjoni tal-obligazzjoni tal-istess debitur, u fin-nuqqas biex jiġi ndennizzat, meta, fost każijiet oħra tassattivament indikati fil-liġi, huwa jkun ġie konvenut ġudizzjarjament għall-pagament.*

*Huwa veru li t-test tal-liġi jgħid biss illi l-garanti jista' hekk jaġixxi kontra d-debitur "sab'ex jiġi minnu rilevat"; imma din l-espressjoni tikkomprendi ż-żewġ rimedji fuq indikati, u ċjoè "rilevanza", u fin-nuqqas "indennità".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa, bħala garanti solidali tal-konvenut, ġie mħarrek u kundannat b'sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 1955 fil-kawża fl-ismijiet "John Mizzi ne. vs. Gaetano Pace et." biex iħallas id-dejn illi l-istess konvenut għandu lejn "The Industrial Motor Coy. Ltd.", ammontanti għal £219. 10. 4, oltre l-interessi arretrati; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Diċembru 1957, fil-kawża fl-istess ismijiet fuq indikati, huwa ġie kundannat flimkien mal-konvenut għall-arrest personali; u illi huwa għandu nteress li jiġi rilevat mill-imsemmija obligazzjoni; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrilevah mill-obligazzjoni fuq riferita, billi jew iħallas direttament lilu s-somma ta' £219. 10. 4 bl-interessi arretrati sal-lum, jew jiddepożita l-imsemmija somma fir-Reġistru ta' din il-Qorti għannom tiegħu (tal-attur), biex ikun jista' jiddisponi minnha favur id-ditta fuq imsemmija, u b'hekk jeħles mill-imsemmija obligazzjoni, jew billi jagħmel kull ma jkun meħtieġ biex tkun tista' tiġi realizzata r-rilevanza. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tat-13 ta' Diċembru 1957;

*Omissis;*

Tikkunsidra, fil-fatt:

Illi bl-ewwel sentenza fuq imsemmija l-attur ġie kundannat, bħala garanti solidali, iħallas lid-ditta fuq indikata s-somma ta' £325. 4. 0, bl-interessi u bl-ispejjeż tal-kawża; u bit-tieni sentenza ġie kundannat, fl-istess kwalità fuq riferita, għall-arrest personali flimkien mal-konvenut, debitur prinċipali;

Illi mix-xhieda tal-imsemmi O'Flaherty jirriżulta illi d-ditta fuq imsemmija għad għandha tiegħu s-somma ta' £143. 1. 3;

Tikkunsidra, fid-dritt;

Illi l-garanti, anki qabel ma jkun ħallas, jista' jaġixxi kontra d-debitur biex jiġi rilevat u biex jottjeni l-liberazzjoni tal-kawteli li jkun ta biex jiggarantixxi s-sodisfazzjon tal-obligazzjoni tal-istess debitur, u fin-nuqqas biex jiġi ndennizzat, meta, fost każijiet oħra tassattivament indikati fil-liġi, huwa jkun ġie konvenut ġudizzjarjament għall-pagament. Difatti, l-art. 2052 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi "il-pleġġ, ukoll qabel ma jħallas, jista' jaġixxi kontra d-debitur sabiex jiġi minnu rilevat — (a) jekk jiġi mħarrek għall-ħlas; (b) . . . . ."

It-test tal-liġi jgħid biss "sabiex jiġi minnu rilevat". Dina l-espressjoni hija l-istess bħal dik li tinsab fl-art. 1919 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1854; u l-kommentaturi ta' dak il-Kodiċi jgħidu illi l-espressjoni hija t-traduzzjoni ta' dik tal-art. 2032 tal-Kodiċi ta' Napuljun "pour etre par lui indemnisé"u li l-vuċi "indemnisé" — vuċi improprja f'dan il-lok — hija nterpretata f'sens lat biex tikkomprendi ż-żewġ oġġetti fuq indikati, rilevanza u, fin-nuqqas, indennità;

Laurent jgħid a propożitu:— "L'articolo 2032 dice che il fideiussore può agire ossia proporre una domanda giudiziale contro il debitore per essere da lui rilevato. A che cosa tende questa azione? Di regola, a liberare il fideiussore dalla sua obbligazione. Ma il debitore può trovarsi nell'impossibilità di fare questa liberazione, perchè il creditore non lo consentirà se non quando il debitore paghi o gli dia nuove garanzie. Se il debitore non procura la liberazione del fideiussore, questi può reclamare una indennità". Dan hu l-oġġett tal-azzjoni li l-liġi franċiża takkorda fiċ-ċitat artikolu 2032 tal-Kodiċi Franċiż, u kwindi l-Liġi Taljana fl-art. 1919 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, u l-Liġi Maltija fl-art. 2052 tal-Kodiċi Malti;

"Non vi è che un mezzo", ikompli jgħid Laurent, "per dare al fideiussore una indennità reale, consegnando, cjoè, una somma di denaro equivalente all'importo della obbligazione garantita. Si è detto che il giudice potrebbe contentarsi di dare al fideiussore delle garanzie, un pegno, un'ipoteca, od una nuova fideiussione. Ci pare che in tal

modo si abbandoni tanto il testo quanto lo spirito della legge. La legge vuole che il fideiussore sia rilevato o indennizzato. Ora, una garanzia non è una indennità";

Jiswa wkoll li jiġi rilevat illi anki dawk il-ġuristi li huma tal-fehma illi l-ġudikant jista' jagħti lill-fidejussur garanzija, penju, ipoteka, jew fidejussjoni ġdida, jaqblu illi dwar dan il-pont huma akkordati l-akbar poteri lit-tribunali, u jaqblu wkoll illi, meta d-debitur ma jagħtix lill-fidejussur il-liberazzjoni jew il-garanzija, dan jista' jitlob indennità. L-insenjament ta' Laurent huwa evidentement wisq aktar konformi għall-kelma u għall-ispiritu tal-liġi; u għalhekk, l-oġġett tal-azzjoni għandu jkun il-liberazzjoni tal-garanti, jew li dan jiġi ndennizzat. Ġa ġie rilevat illi l-liġi tagħna hija bħal dik taljana, u kwindi dak li jgħidu l-kommentaturi tal-liġi franċiża jgħodd għall-liġi tagħna;

Għaldaqstant;

Tilqa' t-talba tal-attur, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut jiddepożita fir-Reġistru ta' din il-Qorti, in sikurezza tal-attur, f'għaxart ijiem żmien, is-somma ta' £143. 1. 3, kwante volte l-istess konvenut, fiż-żmien ta' tmien tijiem, ma jkunx altrimenti llibera lill-istess atturi mill-fidejussjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż.